**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 11 t' April 2002**

**Appell Nru 201/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sandro Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sandro Micallef talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur qabel it-24 ta' Novembru, 1998, b'diversi atti, ukoll jekk maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda (**1**) fid-19 ta' Awissu, 1998 ghall-habta tal-4.30 pm, f'Golden Bay, limiti ta' Ghajn Tiffieha, ikkommetta serq ta' basket u hwejjeg ohra, fosthom flus kontanti, gizirana u brazzuletta tad-deheb u "Visa Traveller's Cheques" li l-valur globali taghhom jammonta ghal aktar minn mitt lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sar a detriment ta' Jean Scally ta' nazzjonalita` Irlandiza; (**2**) fit-22 ta' Awissu, 1998, ghall-habta tat-3.00 pm, fil-bajja ta' l-Ghadira, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' basket u hwejjeg ohra, fosthom flus kontanti u "Euro-Credit Card", li l-valur globali taghhom jammonta ghal aktar minn mitt lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sar a detriment ta' Heike Alff ta' nazzjonalita` Germaniza; (**3**) fl-10 ta' Settembru, 1998, ghall-habta tal-4.00 pm, f'Golden Bay, limiti ta' Ghajn Tuffieha, ikkommetta serq ta' basket u hwejjeg ohra, fosthom flus kontanti, apparat fotografiku u "Euro-Credit Card", li l-valur globali taghhom jammonta ghal aktar minn mitt lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sar a detriment ta' Hug Sabine ta' nazzjonalita` Germaniza; (**4**) fl-10 ta' Settembru, 1998, ghall-habta tal-4.00 pm f'Golden Bay, limiti ta' Ghajn Tuffieha, ikkommetta serq ta' basket u hwejjeg ohra, fosthom flus kontanti, apparat fotografiku u "Euro-Credit Card", li l-valur globali taghhom jammonta ghal aktar minn mitt lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sar a detriment ta' Claudia Post ta' nazzjonalita` Germaniza; (**5**) fis-26 ta' Lulju, 1998, ghall-habta tal-5.30 pm, fil-bajja tal-Ghadira, limiti tal-Mellieha, ikkommetta serq ta' basket u hwejjeg ohra, fosthom flus kontanti u karta ta' identita` bin-numru 125077(m) f'isem Jason Sultana, li l-valur globali taghhom jammonta ghal aktar minn mitt lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u li sar a detriment ta' Jason Sultana u Melanie Ellul, it-tnejn minn San

Gwann; (**6**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti veri ohra u cioe` karta ta' l-identita` bin-numru 125077(m) mahruga f'isem Jason Sultana minn San Gwann, illi meta jigu ppresentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern; (**7**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara, bhala persuna barra mill-ufficjal awtorizzat li johrog karti ta' identita`, bil-hsieb li jqarraq ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuqha, jew xort'ohra hassar jew iddistrugga karta ta' identita` bin-numru 125077(m), u dana bi ksur tal-Art. 11 tal-Kap. 258; (**8**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara, bhala persuna barra mill-ufficjal awtorizzat li johrog karti ta' l-identita` jew id-detentur, bil-hsieb li jqarrar, kellu fil-pussess tieghu jew ghamel xi uzu, ikun li jkun, minn karta` ta' l-identita` bin-numru 125077(m), u dan bi ksur tal-Art. 12(1) tal-Kap. 258; (**9**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara, bhala persuna barra mill-ufficjal awtorizzat li johrog karti ta' l-identita`, bil-hsieb li jqarraq, kellu fil-pussess tieghu xi karta ta' l-identita` bin-numru 125077(m) mahruga lil Jason Sultana minn San Gwann, u naqas milli minnufih jikkonsenjaha jew jibghatha lid-detentur taghha jew lill-ufficjal awtorizzat, u dana bi ksur tal-Art. 12(2) tal-Kap. 258; (**10**) talli f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Lulju, 1998, ghall-habta tal-5.30 pm, u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat (sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta) jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (**11**) talli huwa kkommetta reati ta' serq aggravat waqt il-periodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Novembru, 1996, u (**12**) talli huwa sar recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Sandro Micallef **hati skond l-ewwel hames imputazzjonijiet** (b'dan li s-serq kien wiehed kontinwat skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 9); sabitu wkoll **hati skond is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjoni** (minghajr pero`, fir-rigward ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet, l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 14(2) tal-Kap. 258); **sabitu hati skond l-imputazzjoni numru tnax**; dik il-qorti sabitu **mhux hati skond l-imputazzjoni numru sitta**, u ma ppronunzjatx ruhha dwar l-imputazzjonijiet numru ghaxra u hdax; kwantu ghall-piena l-ewwel qorti pprovdiet kif gej:

Dwar il-piena, rat l-art 28A tal-kap 9 tikkundanna lil Sandro Micallef ghall-piena ta' sentejn habs sospizi ghal erba' snin. B'applikazzjoni ta' l-art 28G tordna li jitqieghed taht ordni ta' supervizjoni ghal periodu ta' sentejn taht il-kundizzjonijiet infraskritti ma' l-ordni ta' probation hawn anness (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-13 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena erogata mill-ewwel qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; rat ukoll ir-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri kif ukoll semghet id-deposizzjoni taghha moghtija fl-udjenza tat-8 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens li l-ewwel qorti ma setghetx taghti sentenza ta' prigunerija sospiza peress li l-appellat kien qed jinstab hati li hu recidiv skond l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Fuq dan l-aggravju l-appellant ghandu ragun. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li ordni bis-sahha tal-Artikolu 28A(1), jigifieri ordni li jissospendi sentenza ta' prigunerija, ma jistax isir "meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50". Issa, tajjeb jew hazin (jidher li l-ewwel qorti ma ezaminatx sew l-Artikolu 50, kif ukoll l-Artikolu 28F, tal-Kap. 9), l-ewwel qorti sabet li l-appellat kien recidiv fis-sens ta' l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali (ara pagna 152 tal-atti); ghalhekk dik il-qorti ma setghetx taghti sentenza ta' prigunerija sospiza, ossia ma setghetx tordna li s-sentenza ta' prigunerija tigi sospiza skond l-Artikolu 28A(1).

It-tieni aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu fis-sens illi l-ewwel qorti kellha tipprocedi skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) jew (2) tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9. Din il-Qorti, pero`, tosserva li fis-sentenza appellata imkien ma jinghad li l-appellat (allura imputat) ikkommetta reat (li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija) fil-periodu operattiv ta' xi sentenza sospiza; u infatti, kif inghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-ewwel qorti b'ebda mod ma ppronunzjat ruhha dwar l-imputazzjoni numru hdax. Jista' jaghti l-kaz li din kienet svista ta' l-ewwel qorti. Ghal tali svista jipprovdi l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali; pero` dana l-artikolu jipprovdi li jistghu jipprocedu *ex officio* (jew fuq rikors ta' l-Avukat Generali jew tal-Pulizija Ezekuttiva) il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati, u mhux ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ghalhekk f'dana l-istadju din il-Qorti mhix ser tipprovdi, ghax ma tistax, dwar dan it-tieni aggravju; din il-Qorti tista' biss, kif qed taghmel, tigbed l-attenzjoni tal-appellant ghad-disposizzjoni tal-Artikolu 28D.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* aktar 'l fuq imsemmija, u hi tal-fehma li f'dan il-kaz hemm ragunijiet specjali u straordinarji fis-sens tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jawtorizzaw lil din il-Qorti li tinzel taht il-minimu tal-piena stabbilita ghar-reati li li taghhom l-appellat instab hati permezz tas-sentenza appellata. Minn dan ir-rapport, in fatti, jirrisulta li l-appellat, wara periodu ta' sbandament li kien waslu biex jiccappas anke bid-droga, irnexxilu jistabilizza hajtu; illum ghandu impieg fiss u redditizju, ghandu familja, u qata' ghal kollox il-kumpanija tal-hbieb li kellu fiz-zmien tar-reati meritu ta' din il-kawza. In konnessjoni ma' xi kawza ohra li kellu u li ilha li giet deciza, huwa kien tqieghed taht *probation* taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon; u bil-ghajnuna ta' din l-Ufficjal tal-*Probation* huwa jidher li ghamel kambjament radikali f'hajtu. Inoltre, kif jirrisulta mill-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta' April, 2002, l-appellat

obbliga ruhhu li jhallas kumpens lid-derubati jekk huwa jigi minnhom avvicinat ghal dana l-fini. Ghalhekk, kif inghad, din il-Qorti sejra tapplika l-Artikolu 21 tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tilqa' in parti l-appell interpost mill-Avukat Generali, tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti, u cioe` (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat Sandro Micallef sentejn habs [**recte:** prigunerija] sospizi ghal erba' snin, kif ukoll fejn applikat l-Artikolu 28G u ghamlet ordni ta' supervizjoni[1], u minflok tikkundanna lill-istess appellat multa ta' erba' mitt lira (Lm400) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tmenin (80) gurnata prigunerija; u (**b**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza kif ukoll kopja tal-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' April, 2002 jigu komunikati lill-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon sabiex din tkun tista' ggib l-obbligazzjoni tal-appellat li jhallas kumpens a konjizzjoni tad-derubat Jason Sultana.

[1] Mhux "ordni ta' *probation*" kif erroneament jinghad fis-sentenza appellata.